

Brussell, 17 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10407/25
ADD 5

TELECOM 196
DIGIT 122
CYBER 173
COMPET 574
RECH 286
PI 125
MI 411
EDUC 273
JAI 869
ENFOPOL 216
COSI 121

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 290 final - Annex 5
Suġġett:	ANNESS tal- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni L-Istat tad-Deċennju Diġitali 2025: Inkomplu nibnu s-sovranità u l-futur diġitali tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 290 final - Annex 5.

Mehmuż: COM(2025) 290 final - Annex 5



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.6.2025
COM(2025) 290 final

ANNEX 5

ANNESS

tal-

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat
Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni**

L-Istat tad-Deċennju Diġitali 2025: Inkomplu nibnu s-sovranità u l-futur diġitali tal-UE

{SWD(2025) 290 final} - {SWD(2025) 291 final} - {SWD(2025) 292 final} -
{SWD(2025) 293 final} - {SWD(2025) 294 final} - {SWD(2025) 295 final}

RAPPORTI QOSRA TAL-PAJJIŻI 2025

Il-Kroazja

Sommarju eżekuttiv

Il-Kroazja għamlet passi sinifikanti fis-setturi teknoloġiċi strateġiċi iżda għadha qed tiffaċċja sfidi fl-adozzjoni mifruxa ta’ teknoloġiji diġitali avvanzati. Il-progress f’oqsma, bħall-komunikazzjoni kwantistika, is-semikondutturi, u ċ-ċibersigurtà saħħew il-kontribut dejjem akbar tagħha għall-kompetittività u s-sovranità tal-UE.

Il-Kroazja turi livell sostanzjali ta’ ambizzjoni fil-kontribut tagħha għad-Deċennju Diġitali, wara li stabbiliet 13-il mira nazzjonali, li 77 % minnhom huma allinjati sew mal-miri tal-UE għall-2030. Il-pajjiż qed isegwi t-trajettorji tiegħu moderatament tajjeb bi 63 % minnhom jinsabu fit-triq it-tajba (abbażi tat-trajettorji tal-2024 definiti għat-tmien indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs, key performance indicators) kollha analizzati). Il-Kroazja indirizzat 50 % mit-12-il rakkomandazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni fl-2024 billi għamlet xi bidliet permezz ta’ miżuri ġodda.

Fl-2024, il-gvern kompla bir-riformi strateġiċi tiegħu, bl-isforzi tad-diġitalizzazzjoni dejjem aktar marbuta mat-tisħiħ tal-kompetittività industrijali, mat-trawwim tal-innovazzjoni, u mat-tisħiħ tas-sovranità teknoloġika. Sabiex tagħmel l-aħjar użu mit-tranżizzjoni diġitali, il-Kroazja trid tindirizza d-diskrepanzi persistenti fl-infrastruttura tal-edge, id-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi żgħira u ta’ daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises), l-adozzjoni ta’ teknoloġiji avvanzati, u l-appoġġ għal intrapriżi bi tkabbir għoli.

KPI tad-Deċennju Diġitali ⁽¹⁾	Il-Kroazja				UE		Mira tad-Deċennju Diġitali sal-2030	
	DESI 2024 (is-sena 2023)	DESI 2025 (is-sena 2024)	Progress annwali	Trajettorja nazzjonali 2024 (3)	DESI 2025	Progress annwali	HR	UE
Kopertura tan-Network Fiss b’Kapaċità Għolja Ħafna (VHCN)	67,8 %	78,9 %	16,4 %	68,0 %	82,5 %	4,9 %	100,0 %	100 %
Kopertura tal-Fibra sal-Lokal (FTTP)	62,1 %	75,4 %	21,4 %	66,0 %	69,2 %	8,4 %	100,0 %	-
Kopertura ġenerali tal-5G	83,4 %	94,2 %	12,9 %	85,7 %	94,3 %	5,9 %	99,0 %	100 %
Nodi Periferiċi (stima)	3	6	100,0 %	-	2 257	90,5 %	-	10 000
SMEs bi mqar livell bażiku ta’ intensità diġitali (2)	-	63,5 %	4,8 %	-	72,9 %	2,8 %	90,0 %	90 %
Cloud	40,7 %	38,6 %	-5,4 %	-	-	-	75,0 %	75 %
Intelliġenza Artifiċjali	7,9 %	11,8 %	49,0 %	13,0 %	13,5 %	67,2 %	20,0 %	75 %
Analitika tad-data	51,7 %	-	-	-	-	-	30,0 %	75 %
IA jew Cloud jew Analitika tad-data	65,6 %	-	-	-	-	-	-	75 %
Unicorns	2	2	0,0 %	2	286	4,4 %	4	500
Imqar ħliet diġitali bażiċi	59,0 %	-	-	-	-	-	80,0 %	80 %
Speċjalisti fl-ICT	4,3 %	5,0 %	16,3 %	4,5 %	5,0 %	4,2 %	7,0 %	~10 %
Notifika tal-iskema tal-eID		Iva						
Servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini	67,2	75,2	11,9 %	75,0	82,3	3,6 %	100,0	100
Servizzi pubbliċi diġitali għan-negozji	66,2	65,3	-1,3 %	75,0	86,2	0,9 %	100,0	100
Aċċess għar-rekords tas-saħħa elettronika	85,6	86,6	1,2 %	95,0	82,7	4,5 %	100,0	100
(1) Ara n-nota metodoloġika għad-deskrizzjoni tal-indikaturi u metriċi oħra. (2) L-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI, Digital Economy and Society Index) 2025 jirrapporta l-verżjoni 4 tal-Indiċi tal-Intensità Diġitali, li huwa komparabbli mal-valur tad-DII mid-DESI 2023 (li jirreferi għas-sena 2022) għall-kalkolu tal-progress annwali. Ma huwiex komparabbli mat-trajettorja nazzjonali li hija bbażata fuq il-verżjoni 3 tal-indiċi. (3) Il-valur tat-trajettorja nazzjonali jekk preżenti fil-pjan direzzjonali nazzjonali u jekk l-indikatur tkejjel fid-DESI2025 (sena 2024).								

Skont l-Ewrobarometru speċjali tal-2025 dwar id-Deċennju Diġitali, 81 % tal-Kroati jqisu li d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u privatita' kuljum qed tagħmlilhom haġġithom aktar faċli. Dwar l-azzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, 90 % jqisu li huwa importanti li tiġi miġġielda u mmitigata l-kwistjoni ta' aħbarijiet foloz u ta' diżinformazzjoni online. U dwar il-kompetittività, 91 % jqisu li huwa importanti li jiġi żgurat li l-kumpaniji Ewropej ikunu jistgħu jikbru u jsiru "Champions Ewropej" li kapaċi jikkompetu globalment.

UE kompetittiva, sovrana u reżiljenti abbażi ta' tmexxija teknoloġika

Il-Kroazja għamlet progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-fibra sal-lokal (FTTP, Fibre to the Premises) u tal-5G, li qabeż ir-rati medji tat-tkabbir tal-UE. In-network b'kapaċità għolja ħafna (VHCN, very high capacity network), għalkemm għadu taħt il-medja tal-UE, qed javvanza b'pass mgħaġġel, xprunat minn programmi infrastrutturali appoġġati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility). Madankollu, il-Kroazja qed tiffaċċja sfidi fl-implimentazzjoni ta' networks awtonomi tal-5G, bi progress limitat u bl-ebda miżura speċifika fis-seħħ biex titħaffef l-introduzzjoni. Il-kopertura rurali tal-banda medja tal-5G tibqa' wkoll ferm taħt il-medja tal-UE, u strateġija komprensiva min-naħa tad-domanda biex jiġi stimulat l-użu hija mistennija biss wara l-2027.

Il-pajjiż għandu wkoll pożizzjoni b'saħħitha fl-adozzjoni tal-analitika tad-data. Għalkemm l-intensità diġitali bażika tal-SMEs kibret aktar malajr milli fil-bqija tal-UE, din tibqa' ferm taħt il-medja tal-UE. Il-Kroazja tkompli tiffaċċja sfidi fl-użu tas-servizzi tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u tal-cloud, fejn l-adozzjoni hija aktar baxxa mill-medja tal-UE. L-ekosistema tal-istart-ups u tal-iscale-ups tibqa' dgħajfa wkoll, b'żewġ unicorns biss irreġistrati u attività limitata ta' kapital ta' riskju.

It-tnedija ta' proġett nazzjonali ta' komunikazzjoni kwantistika u t-tnedija ta' ċentru ta' kompetenza fil-qasam tas-semikondutturi huma mistennija jsaħħu l-pożizzjoni tal-Kroazja fit-teknoloġiji strateġiċi. Il-pajjiż beda wkoll jieħu passi lejn id-diċentralizzazzjoni tal-infrastruttura tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT, information and communication technologies) bl-implimentazzjoni ta' sitt nodi periferiċi. Madankollu, l-ekosistema tal-edge computing għadha sottożviluppata u nieqsa minn strateġija nazzjonali ddedikata. Il-kapaċità taċ-ċibersigurtà tal-pajjiż tġiebet bl-adozzjoni tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà u bit-tnedija taċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Industrija, it-Teknoloġija, u r-Riċerka fiċ-Ċibersigurtà; madankollu, standards ewlenin bħall-verżjoni 6 tal-Protokoll tal-Internet u l-Estensjonijiet tas-Sigurtà tas-Sistema tal-Ismijiet tad-Dominju għadhom ferm taħt il-medja tal-UE, u dan juri vulnerabbiltajiet persistenti fl-infrastruttura diġitali nazzjonali.

Protezzjoni u għoti tas-setgħa lin-nies u s-soċjetà tal-UE

Minkejja l-ħiliet diġitali sodi fost iż-żgħażaġħ, il-Kroazja tkompli tiffaċċja sfidi kbar fl-inklużjoni diġitali, b'diskrepanzi persistenti fil-ħiliet li jaffettwaw lill-adulti akbar fl-età, lil persuni b'livelli baxxi ta' edukazzjoni, u lill-popolazzjoni rurali. Filwaqt li s-sehem ta' speċjalisti fl-ICT fl-impjieg tġieb u jaqbel mal-medja tal-UE, għad hemm nuqqasijiet, l-ispariġġi fis-suq tax-xogħol jippersistu, u l-eżodu ta' mħuħ ikompli jdgħajjef il-pipeline tat-talent diġitali.

Is-servizzi diġitali pubbliċi għaċ-ċittadini tġiebu b'mod kostanti u huma ġeneralment fit-triq it-tajba, iżda s-servizzi pubbliċi diġitali għan-negozji juru xejriet negattivi, inkluż tnaqqis fid-disponibbiltà tas-servizzi transfruntiera. It-tnejn għall-portafoll tal-Kartiera tal-Identità Diġitali nazzjonali qed javvanzaw, u se jsaħħu l-oqfsa ta' aċċess siguri. L-aċċess għar-rekords tas-saħħa huwa b'saħħtu, iżda għad hemm xi diskrepanzi ewlenin: l-istampi mediċi ma humiex disponibbli, xi fornituri tal-kura tas-

saħħa ma humiex konnessi, u l-aċċess delegat ma huwiex possibbli. Billi appoġġat tranżizzjoni diġitali aktar inklużiva u affidabbli, il-Kroazja intensifikat l-isforzi biex tippromwovi l-litteriżmu medjatiku, is-sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, u l-protezzjoni kontra r-riskji online, partikolarment fost iż-żgħażaġh.

Nisfruttaw it-trasformazzjoni diġitali għal ekoloġizzazzjoni intelliġenti

Il-prijoritajiet ekoloġiċi u diġitali qed jirċievu attenzjoni akbar fil-Kroazja, appoġġati minn investimenti kbar mill-RRF. Il-Kroazja għamlet progress fid-diġitalizzazzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija tagħha u fit-titjib tas-sistemi ta' ġestjoni tal-ilma b'soluzzjonijiet ta' monitoraġġ diġitali. Madankollu, il-pajjiż għadu nieqes minn strateġija nazzjonali koerenti li tgħaqqad id-diġitalizzazzjoni mal-oġġettivi klimatiċi, u l-monitoraġġ sistematiku tat-tnaqqis tal-emissjonijiet permezz tat-teknoloġiji diġitali għadu ma ġiex stabbilit. Is-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur dwar l-impatt ambjentali tal-apparat tal-ICT għadu baxx, u l-isforzi volontarji ta' sostenibbiltà fis-settur diġitali għadhom frammentati.

Pjan direzzjonali strateġiku nazzjonali tad-Deċennju Diġitali

F'Jannar 2025, il-Kroazja ppreżentat aġġustament għall-pjan direzzjonali nazzjonali tagħha, filwaqt li rfinat is-sett ta' miżuri tagħha u aġġornat il-miri ewlenin tal-konnettività. L-aġġustament tħejja b'konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati u jindirizza għadd sostanzjali ta' rakkomandazzjonijiet tal-2024. Il-pjan direzzjonali jżomm enfasi qawwija fuq it-tisħiħ tal-infrastruttura diġitali, id-diġitalizzazzjoni tal-SMEs, l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, u s-servizzi pubbliċi diġitali. Madankollu, għad hemm diskrepanzi fl-adozzjoni mifruxa ta' teknoloġiji avvanzati, fl-espansjoni tal-intrapriżi xprunati mill-innovazzjoni, u fl-għeluq sħiħ tal-diskrepanzi fl-inklużjoni fil-ħiliet diġitali, b'mod partikolari għall-adulti anzjani u ż-żoni rurali. B'mod ġenerali, il-pjan direzzjonali tal-Kroazja jinkludi 31 miżura b'baġit ikkombinat ta' 634,73 miljun, li jirrappreżentaw madwar 0,74 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-pajjiż.

Finanzjament u proġetti għad-diġitali

Il-Kroazja talloka 20 % tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza totali tagħha għall-oġġettivi diġitali (EUR 1,4 biljun)¹. Barra minn hekk, skont il-politika ta' koeżjoni, EUR 755 miljun, li jirrappreżentaw 9 % tal-finanzjament totali tal-politika ta' koeżjoni tal-pajjiż, huma ddedikati għall-avvanz tat-trasformazzjoni diġitali tal-Kroazja².

Il-Kroazja hija membru tat-tliet Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDICs, European Digital Infrastructure Consortia): l-EDIC għall-Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi, it-Tewmin Diġitali lokali lejn CitiVERSE EDIC u l-Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea għas-Sħubija Ewropea tal-Blockchain u għall-Infrastruttura Ewropea tal-Blockchain għas-Servizzi. L-organizzazzjonijiet Kroati huma sħab indiretti fil-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (IPCEI-CIS, Important Project of Common European Interest on Next Generation Cloud Infrastructure and Services). Il-Kroazja hija stat parteċipanti tal-Impriża

¹ Is-sehem tal-allokazzjonijiet finanzjarji li jikkontribwixxu għall-oġġettivi diġitali ġie kkalkolat skont l-Anness VII tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-aħħar aġġornament tad-data: is-16 ta' Mejju 2025.

² Dan l-ammont jinkludi l-investiment kollu mmirat speċifikament għat-trasformazzjoni diġitali jew li jikkontribwixxi sostanzjalment għaliha fil-perjodu tal-programmazzjoni tal-Politika ta' koeżjoni 2021-2027. Il-fondi sors huma l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC JU, European High Performance Computing Joint Undertaking) u tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep.

Il-Kroazja kkontribwiet għall-Aċċelleratur tal-Aħjar Prattika³ billi kkondividiet l-aħjar prattika skont il-cluster tal-Ħiliet Diġitali ("Nisa f'Diġitali – Bniet fl-ICT").

Drittijiet u prinċipji diġitali

Skont [studju ta' appoġġ](#), il-Kroazja kienet relattivament attiva fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali, bi 48 inizjattiva b'kollox u b'seba' inizjattivi ġodda mnedija fl-2024. Il-Kroazja hija l-aktar attiva fil-qasam tas-solidarjetà u l-inklużjoni. Għet identifikata inqas attività fir-rigward ta' ambjent diġitali ġust. Il-miżuri fil-qasam tas-sostenibbiltà jidhru li għandhom l-akbar impatt fuq il-post, b'kuntrast għal dawk li jindirizzaw it-tqegħid tan-nies fiċ-ċentru tat-trasformazzjoni diġitali.

Rakkomandazzjonijiet

- **Servizzi pubbliċi:** Issaħħaħ l-interoperabbiltà u l-faċilità tal-użu tas-servizzi pubbliċi biex tkegħgeġ lin-nies u lin-negozji biex jużawhom aktar.
- **Saħħa elettronika:** Tintroduċi qafas legali u tekniku komprensiv biex tippermetti l-aċċess tal-individwi awtorizzati għad-data elettronika dwar is-saħħa f'isem oħrajn; tagħmel l-imaging mediku aċċessibbli għall-individwi permezz tas-servizz nazzjonali ta' aċċess għas-saħħa online; u tiżgura li l-fornituri kollha tal-kura tas-saħħa, inklużi d-djar tal-kura ġerjatriċi u l-faċilitajiet tas-saħħa mentali, ikunu konnessi u jipprovdu d-data b'mod attiv.
- **Ħiliet diġitali bażiċi:** Tintensifika azzjoni mmirata biex tnaqqas id-distakk fil-ħiliet diġitali fost il-popolazzjonijiet tal-età, tal-edukazzjoni u dawk rurali-urbani.
- **Speċjalisti fl-ICT:** Tespandi programmi ta' taħriġ, ta' titjib tal-ħiliet u ta' żamma għall-ispeċjalisti fl-ICT, issaħħaħ l-allinjament mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u tindirizza l-eżodu ta' mħuħ biex tissalvagwardja l-pipeline ta' talent diġitali tal-Kroazja.
- **Diġitalizzazzjoni tal-SMEs:** Tiżviluppa programmi u inċentivi mmirati biex iżżid l-adozzjoni tal-SMEs ta' soluzzjonijiet tal-cloud, tal-IA, u tal-analitika tad-data, u b'hekk tnaqqas id-diskrepanza bejn intrapriżi avvanzati b'mod diġitali u dawk li għadhom lura.
- **Nodi periferiċi:** Iżżid l-isforzi fil-qasam ta' nodi periferiċi fid-dawl tal-importanza tagħhom għall-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sovranià u l-azzjoni klimatika.
- **5G:** Tħaffef il-kopertura sħiħa tal-gigabits u tal-5G, speċjalment billi tindirizza l-konġestjonijiet operazzjonali (ippjanar, permessi) u billi testendi l-implimentazzjoni tal-ispettru tal-banda medja tal-5G.
- **Ċibersigurtà:** Tiżviluppa programmi mmirati ta' appoġġ għaċ-ċibersigurtà għall-SMEs, tespandi l-ittestjar tar-reżiljenza, u ssaħħaħ il-kapaċità nazzjonali biex tindirizza l-inċidenti ċibernetiċi fis-setturi pubbliċi u privati.

³ L-Aċċelleratur tal-Aħjar Prattika (BPA, Best Practice Accelerator) hija pjattaforma li tippermetti lill-Istati Membri jikkondividu miżuri u sfidi ta' suċċess li jiltaqgħu magħhom fl-isforzi tagħhom biex jilħqu l-miri u l-oġettivi tad-Deċennju Diġitali tagħhom. L-aħjar prattiki jsiru disponibbli għall-Istati Membri permezz tar-Repożitorju tal-BPA u jintwerew f'workshops regolari, li bħalissa huma ffukati fuq tliet raggruppamenti tematiċi: Il-Ħiliet Diġitali, l-IT Ekoloġika, u l-Adozzjoni tat-Teknoloġiji Diġitali.

